# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL- 21 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 1200/2022 RGM**

**L-Avukat Dr. Rita Mifsud bħala mandatarja speċjali tal-assenti Christopher Guy Barritt**

**vs.**

**Catherine Rachel Barritt**

**Il-Qorti**

1. B'rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2022, l-mandatarja speċjali tal-assenti Christopher Guy Barritt fisret li b'sentenza tal-14 t'Ottubru 2020 mogħtija mill-Qorti tal-Familja ta' Sout West Divorce Unti, fl-Ingilterra ġie xolt iż-żwieġ bejn l-attur nomine u l-konvenuta u ġie ppronunzjat id-

divorzju tal-partijiet. B'ordni tal-Family Court at Basingstoke, fl-Ingilterra tal-1 ta' Ottubru 2020, kif emendata fit-3 ta' Mejju 2022, ġie ordnat li sehem ta' tlieta u ħamsin punt tnejn wieħed fil-mija (53.21%) mill-polza magħrufa bħala Friends Provident/STM MALTA RETIEREMENT f'isem l-attur Christopher Guy Barritt bin-numru DR5627 u miżmuma mis-soċjetà STM Malta Trust & Co. Management Limited, jiġi assenjat lill-konvenuta, u dan kif stipulat fil-Pension Sharing Annex anness mal-imsemmija Ordni tal-1 ta' Ottubru 2020. Permezz tal-imsemmija Ordni ġie ordnat ukoll li kwalunkwe ħlasijiet relatati mad-diviżjoni tal-polza, spejjeż amministrattivi sabiex jitwaqqaf *self-invested pension plan* għall-attur, *early exit penalites*, jew spejjeż biex tiġi eżegwita l-imsemmija Ordni għandhom jitħallsu f'ishma indaqs bejn il-partijiet. L-attur ipremetta li s-sentenza fuq imsemmija mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2020, kif emendata fit-3 ta' Mejju 2022 ngħatat minn Qorti kompetenti u saret ġudikat. Jgħid li huwa għandu interess li l-imsemmija sentenza tiġi reża eżegwibbli f'Malta u dan sabiex sehem il-konvenuta minn din il-polza li tinsab hawn Malta jkun jista' jiġi trasferit f'isem il-konvenuta ai termini tal-imsemmija sentenza u kien għalhekk li talab lil din il-Qorti

1. "A tenur tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2020 mill-Family Court at Basingstoke fil-każ numru RS19D09832 fl-ismijiet Christopher Guy Barritt vs Catherine Rachel Barritt, kif emendata fit-3 ta' Mejju 2022, li permezz tagħha l-intimata ġiet assenjata sehem ta' tlieta u ħamsin punt tnejn wieħed fil-mija (53.21%) mill-polza magħrufa bħala Friends Provident/STM MALTA RETIEREMENT f'isem ir-rikorrent Christopher Guy Barritt bin-numru DR5627 u miżmuma mis-soċjeta STM Malta Trust & Co. Management Limited u dan ai termini tal-Pension Sharing Annex anness mal-imsemmija sentenza;

2. Konsegwentement tordna li sehem ta' tlieta u ħamsin punt tnejn wieħed fil-mija (53.21%) mill-polza magħrufa bħala Friends Provident/STM MALTA RETIEREMENT tiġi assenjata fl-intier tagħha lill-intimata ai termini tal-imsemmija sentenza.

3. Konsegwentement tordna ukoll li kwalunkwe ħlasijiet relatati mad-diviżjoni tal-polza, spejjeż amministrattivi sabiex jitwaqqaf *self-invested pension plan* għall-attur, early exit penalites, jew spejjeż biex tiġi eżegwita l-imsemmija Ordni għandhom jitħallsu f'ishma indaqs bejn il-partijiet."

2. Il-konvenuta b'nota tal-31 ta' Jannar 2023 tat ruħha b'notifikata bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ u għaddiet sabiex irreġistrat ammissjoni u iddikjarat li taqbel mat-talbiet tal-kawża.

3. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fil-15 ta' Ġunju 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fit-3 ta' Lulju 2023[2].

4. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

5. L-azzjoni imressqa mill-attur hija msejsa fuq l-**Artikolu 826 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li bis-saħħa tiegħu l-attur qed jitlob lil din il-Qorti teżegwixxi sentenza mogħtija minn Qorti Ingliż. L-imsemmi artikolu jaqra hekk:

   "Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi."

6. Ġie ben stabbilit mill-qrati nostrana li f'kawża ta' eżekuzzjoni ta' sentenza estera, mhux konċess li l-mertu jiġi diskuss mill-ġdid. F'azzjoni bħal dik odjerna, il-funzjoni tal-Qorti hi li tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera u dan diment ma jiġix ippruvat a sodisfazzjon tagħha xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 827 tal-Kapitolu 12.

7. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Schoeller International GMBH et vs. Mario Ellul et.** mogħtija fl-10 ta' Mejju 2005, fejn intqal li f'każ ta' talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza estera, il-funzjoni tal-Qorti lokali hu limitat u ċirkoskritt bil-liġi, u żgur ma jwassalx għall-ftuħ mill-ġdid tal-mertu deċiż mit-tribunal esteru. Ġie kkunsidrat li

[1] Fol 25 et seq tal-proċess.
[2] Fol 31 et seq tal-proċess.

"F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F'dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista' tigi attakkata ghal xi raguni li, skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, (b) li f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skont il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta."

8. Rigwardanti l-Artikolu 827, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Av Dr. Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency et** deċiża fil-25 t'Ottubru 2013 iriteniet li:

"L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "*jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta*". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "exhaustive", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-

ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta’ Malta, li Qorti lokali tista’ tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.

[...]

Mhux kull ligi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri. F’kawza ohra Ingliza, Scarman J. qal li “*an English Court will refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency*” (“In the Estate of Fuld (No, 3)” 1968). Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta’ dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is-sens ta’ gustizzja ta’ dak il-pajjiz, tant li, per ezempju, fl-Ingilterra, sentenza estera giet enforzata avolja kienet tmur kontra l-kuncett ta’ “*consideration*”, tant importanti fil-ligi Ingliza fuq il-kuntratt (“Re Bonacina” 1912). Huwa biss “*where the fundamental conceptions of English justice are disregarded*” (ibid. pagna 149), jew meta s-sentenza estera tolqot “*dei valori fondamentali della societa`*” (Galgano “Diritto Privato” 2 ediz. p. 251), li Qorti lokali trid toqghod attenta qabel ma tenforza sentenza estera.”

9. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Avv Dr Christian Farrugia noe vs. Peter Blond International Ltd** deċiża 31 ta’ Ottubru 2008 qieset li l-eċċezzjonijiet għar-rikonoxximent u konsegwenti eżekuzzjoni ta’ sentenza estera imsemmija fl-Artikolu 827, m’għandhomx jitqajmu *ex officio* imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiżiti elenkati fl-imsemmi artikolu biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f’dak is-sens mill-partijiet:

“Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta’ l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit-termini ta’ l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera.”

10. Fil każ odjern il-partijiet għaddew minn proċeduri ta’ divorzju l-Ingilterra, liema divorzju ngħata permezz ta’ sentenza / *decree absolute* tal-Qorti tal-Familja ta’ South West Divorce Unit fl-14 t’Ottubru 2020. Matul dawn il-proċeduri, ingħatat ukoll ordni (*order for ancillary relief*) fl-1 t’Ottubru 2020 mill Qorti tal-Familja ta’ Basingstoke li sussegwentement ġiet emendata fit-3 ta’ Mejju 2022 rigward l-assi tal-kontendenti, liema ordni rregolat x’għandu jiġri mill-pensjoni tal-atturi. Skont din l-ordni u l-Pension Sharing Annex

anness magħha, sehem ta' 53.21% mid-drittijiet tal-attur rigward tali pensjoni għandu jiġi assenjat lill-konvenuta, filwaqt li kwalunkwe ħlasijiet relatati mad-diviżjoni tal-polza, spejjeż amministrattiv sabiex jitwaqqaf *self-invested pension plan* għall-attur, *early exit penalties* jew spejjeż biex tiġi eżegwita l-imsemmija ordni għandhom jitħallsu f'ishma indaqs mill-partijiet.

11. Fl-ewwel lok u għal kull buon fini din il-Qorti tosserva li l-Avviż Legali 396 tal-2003 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjoni ta' Qrati Ċivili) ma jipprovdix li kull sentenza ta' qorti barranija li hija relatata ma' separazzjoni, manteniment jew divorzju għandha tiġi eżegwita taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja. Tajjeb li jiġi senjalat li l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawża fl-ismijiet **El Aal vs. El Sayed** deċiża fl-1 ta' Marzu 2017, osservat:

> "Illi *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq indikat hi proprju din il-qorti odjerna, senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li hi statutorjament munita bil-kompetenza li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenzi esteri li jkunu ghaddew in gudikat."[3]

12. Fit-tieni lok u għal kull buon fini tosserva wkoll li l-Kapitolu 52 (Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi) wkoll ma tapplikax dan stante li mid-definizzjoni ta' 'sentenza' li wieħed isib fl-Artikolu 2 tal-imsemmi Att, tali eżekuzzjoni tapplika għal "sentenza jew ordni mogħtijin minn qorti fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali, [...] li bihom jiġi ordnat il-ħlas ta' somma ta' flus". Fil-każ odjern l-atturi qiegħed jitlob l-enforzar ta' ordni li jmur oltre mill-ħlas ta' somma ta flus u dan stante li l-ordni tirrikjedi wkoll "*the setting up of a receipt self invested pension plan*"[4].

13. Fl-atti tal-kawża tirriżulta dikjarazzjoni maħlufa mill-avukat Howard Gardener fejn spjega li

> "The Order of the Basingstoke Family Court of the 1st October 2020 as amended on the 3rd May 2022 and the Pension Sharing Annex attached thereto is a final and binding order and particularly because it is made by

---

[3] Ara wkoll (a) **Mansueta Caruana vs. Kuratur Deputati** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020; (b) **Fatima Zahra Zeroual vs. Hashim Kuduzovic** deiċża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 t'Ottubru 2022.

[4] Fol 8 tal-proċess.

consent. Under the Matrimonial Causes Act 1973, an Order of the Court is always considered final and binding once there is a Decree Absolute and absent fraud or mistake, is generally not appealable once an Order has been made by consent. In any event, the time for appealing the Order is 28 days [...] No appeal has been filed within such time limit or is pending at this time."[5]

14. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza fuq ċitata għal każ odjern il-Qorti tqis li mhux biss ma tqajmet ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 827 tal-Kapitolu 12, talli l-konvenuta ppreżentat nota ta' ammissjoni biex b'hekk il-konvenuta m'hijiex qiegħda tikkontesta t-talbiet tal-attur. F'dawn iċ-ċirkostanzi u tenut kont tal-prova hawn fuq prodotta, il-Qorti tqis illi għandha tilqa' t-talbiet attur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba, bis-saħħa tal-Artikolu 826 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2020 mill-*Family Court at Basingstoke* fil-każ numru RS19D09832 fl-ismijiet Christopher Guy Barritt vs. Catherine Rachel Barritt, kif emendata fit-3 ta' Mejju 2022, li permezz tagħha l-konvenuta ġiet assenjata sehem ta' tlieta u ħamsin punt tnejn wieħed fil-mija (53.21%) mill-polza magħrufa bħala *Friends Provident/STM MALTA RETIEREMENT* f'isem il-attur Christopher Guy Barritt bin-numru DR5627 u miżmuma mis-soċjetà STM Malta Trust & Co. Management Limited u dan ai termini tal-*Pension Sharing Annex* anness mal-imsemmija sentenza;

2. **Tilqa'** t-tieni talba, tordna li sehem ta' tlieta u ħamsin punt tnejn wieħed fil-mija (53.21%) mill-polza fuq imsemmija magħrufa bħala Friends Provident/STM MALTA RETIREMENT tiġi assenjata fl-intier tagħha lill-konvenuta ai termini tal-imsemmija sentenza.

[5] Fol 24 tal-proċess.

3. **Tilqa’** t-tielet talba, tordna li kwalunkwe ħlasijiet relatati mad-diviżjoni tal-polza, spejjeż amministrattivi sabiex jitwaqqaf *self-invested pension plan* għall-attur, early exit penalites, jew spejjeż biex tiġi eżegwita l-imsemmija Ordni għandhom jitħallsu f’ishma indaqs bejn il-partijiet.

Fiċ-ċirkostanzi, b’applikazzjoni tal-Artikolu 223 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li **l-ispejjeż** ta’ din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
21 ta’ Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**